MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1111/2001/1

**Michael Galea.**

**vs.**

**Josephine Galea.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-18 ta' Lulju 1993 minn liema zwieg il-partijiet kontendenti ma kellhomx tfal; u

Illi ghal liema zwieg il-konvenuta tat il-kunsens taghha ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjall, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-

zwieg, izda ghamlet dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattrazzjoni tal-kawza;

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghal-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 tal-process;

Rat il-verbal tal-10 t'April 2002 fejn dehru l-partijiet u l-konvenuta prezenti tat ruhha b'notifikata bic-citazjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. L-attur ta' ruhu notifikat bl-avviz tal-appuntament tal-kawza. Inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet ta' 30 jum kulwiehed, u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-12 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tad-19 ta' April 2002 a fol 13 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi jekk hemm lok ghall-annullament taz-zwieg taghha *ai termini* tal-**Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, dan mhux ghal ragunijiet imputabbli lilha.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 13 u 14 tal-process.

Rat in-nota tal-attur tal-21 ta' Mejju 2002 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 15 sa 18).

Rat in-nota tal-konvenuta tat-12 ta' Gunju 2002 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess (fol 19 sa 21)

Rat il-verbali tat-12 ta' Gunju 2002, tal-14 ta' Gunju 2002 u tat-12 ta' Novembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t'April 2003.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-14 ta' Novembru 2002 fejn permezz taghha gie prezentat l-affidavit ta' Dr Louis Gatt.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit tieghu l-attur **Michael Galea** qal is-segwenti:

*"1. Illi jiena ltqajt mal-konvenuta meta kien ghad kelli biss sittax (16) il-sena. Bdejna niltaqghu b'mod regolari flimkien ma' zghazagh ohra. Wara madwar gimgha illi kont iltqajt maghha, gejt mistieden nidhol id-dar tal-familja taghha flokkazzjoni tal-festa tar-rahal; minn dak in-nhar, bqajt immur ghandhom b'mod regolari.*

*2. Illi jien u l-konvenuta, fil-ghaxija bdejna niffrekwentaw il-Kazin tal-Banda fejn kien ikun hemm zaghzagh tal-eta' taghna. Fosthom kien hemm ukoll sekondo kugin tieghi jismu Ian Galea; jiena kelli relazzjoni tajba hafna mieghu u konna nafdaw hafna f'xulxin. Madankollu, kont ninnota illi l-konvenuta kienet tqatta' hafna hin mieghu; f'okkazzjoni fost ohrajn, jiena gbidt l-attenzjoni taghha lejn il-fatt li kont qed niddejjaq b'dan, izda hi qaltli illi kienet toqghod titkellem mieghu ghax hu ghandu problema u tithassru. Meta jien staqsejtha xi problema ghandu kienet wegbitni illi la ma kienx qalli hu, mhux ser tghidli hi, u hallitni b'hekk.*

*3. Illi ghadda xi zmien, u konna xtrajna post flimkien; imbaghad bdejna nahsbu sabiex nizzewgu. Jien kont naghmel xi xogholijiet fil-post, izda l-konvenuta kienet tghidli sabiex ma ndumx nahdem, sabiex inkunu nistghu mmorru l-Kazin. Darba minnhom, waqt li konna qedghin il-*

*Kazin ma' shabna, hi telqet minn hdejna. Ftit tal-hin ware rajtha bilqeda barra l-Kazin flimkien ma' dan Ian. Darba fost l-ohrajn, Ian kien qalli illi li kieku mhux ghax jigi minni, kien jehodli lill-gharusa li kelli. Wara xi zmien, u minhabba li kont qed inhossni skomdu minhabba dak li kien ghaddej bejn il-konvenuta u l-kugin tieghi, ma bqajniex niffrekwentaw il-Kazin.*

*4. Illi f'dan iz-zmien li konna waqafna milli mmoru l-Kazin, l-konvenuta kienet qaltli li tixtieq tibda tmur il-gym; jien ma kontx hassartilha, u fil-fatt bdiet tmur il-gym Ta' Qali. Jien kont immur nistenniha ghand ommha, u hi kienet tasal ghal habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija (9.30 p.m.). Dak iz-zmien hi ma kelliex karozza taghha, u kienet tghid illi jwassalha xi hadd li kien jiffrekwenta l-istess gym.*

*5. Illi meta bdiet toqrob id-data taz-zwieg, bdejna niddiskutu lil min ser inpoggu bhala xhud u min kien ser ikun il-best-man tieghi. Il-konvenuta kienet taghmel pressjoni fuqi sabiex naghmel lill-istess Ian il-best-man jew xhud tieghi; fl-ahhar konna ftehmna illi nghidulu jaqra fil-quddiesa tat-tieg. Ahna nghaqadna fiz-zwieg fit-18 ta' Lulju 1993.*

*6. Illi meta zzewwigna, jiena kelli erbgha u ghoxrin (24) sena, u l-konvenuta kellha l-istess eta`. Il-konvenuta kienet tghidli li issa rridu ngawdu. Jiena kont tlabtha li tieqaf milli tahdem sabiex nibdew nahsbu ghat-tfal; izda hi ma riedetx u dejjem issib xi skuza li trid tfaddal sabiex issiefer, jew sabiex inlestu d-dar, jew sabiex tixtri karozza. Fil-fatt kien wasal zmien li hi waqfet mix-xoghol, u jien hsibt li kienet hadet il-parir tieghi. Madankollu, ma kien xejn minn dan, peress illi waqt li jien kont inkun ghax-xoghol, hi ma kienetx tkun id-dar. Jien dan nafu peress illi meta kont incempel id-dar minn fuq ix-xoghol, ma kien jirrispondi hadd, jew dejjem ikun engaged.*

*7. Illi jien kont insemmilha ta' spiss illi xtaqt li nibdew nahsbu ghat-tfal; izda hi kienet dejjem tittrattjeni. Darba fost l-ohrajn meta jien kont nqajjem dan is-suggett, hi qaltli li kienet marret ghand Tabib ghal check up, u li dan kien qalilha illi kien ser ikun difficli ghaliha li hi jkollha t-tfal. Dan*

*kien madwar sentejn wara z-zwieg. Din kienet l-ewwel darba li qaltli dan id-diskors, minkejja l-fatt illi qabel iz--zwieg kien hemm l-intiza li ser ikollna familja taghna.*

*8. Illi l-affarijiet bejnietna bdew imorru ghall-ghar. Kien hemm zmien meta kellna nibdlu n-numru tat-telephone tad-dar ghax kien icempel u meta nirrispondi, min ikun cempel kien jaqta' l-linja. Ghalkemm in-numru l-gdid tajnih biss lil tal-familja, xorta kont nircievi telefonati u l-istess kien jaqta' il-linja. Ghadda xi ftit taz-zmien, u kont ircevejt telefonata x-xoghol fejn kienu gharrfuni illi lill-konvenuta kien qed jarawha ta' spiss mal-kugin tieghi Ian li semmejt aktar il-fuq. Jien irrinfaccajt kemm lilha u anke lilu b'dan, u ghalkemm hi cahdet li kien hemm xi haga ghaddejja bejniethom, hu kien donnu nhasad u ma cahad xejn minn dak li ghidtlu.*

*9. Illi f'dan iz-zmien, il-konvenuta kienet regghet bdiet tahdem, u l-hinijiet tax-xoghol taghha kienu mis-saghtejn sal-ghaxra ta' filghaxija (2.00 - 10.00 p.m.). Darba fost l-ohrajn, mort fejn kienet tahdem u rajtha fil-karozza ta' Ian. L-ghada filghodu kont ghidtilha li rajtha fil-karozza tieghu. Hi ammettiet li kellha relazzjoni mieghu, u meta staqsejtha ghalfejn qeghda taghmel hekk, hi qaltli illi qatt ma habbitni. Illi hi kienet mohha f'Ian, u li kienet thobb lilu.*

*10. Illi minkejja dan, ahna tkellimna; jien kont dispost li nahfrilha u ergajna ttantajna nghixu hajja normali. Ghalhekk jien ergajt semmejt ix-xewqa tieghi li nergghu nipprovaw ikollna t-tfal. Meta hi semghet dan id-diskors, bdiet tghajjat u qaltli illi hi ma jistax ikollha tfal. Jien kont ghidtilha li dan id-diskors qatt ma kienet qaltuli, izda kienet qaltli biss li kien difficli li jkollha tfal u mhux li ma setax ikollha. B'konsegwenza ta' hekk, kien rega' beda l-inkwiet bejnietna. Hi kienet regghet waqfet mix-xoghol, u bdiet tohrog f'kull hin tal-gurnata. Darba fil-ghodu, madwar erba' (4) snin ilu, kienet qaltli li bejnietna kien spicca kollox u qaltli biex immur ghand avukat ghax hi kienet diga marret.*

*11. Illi fil-fatt ahna nfridna ghal kollox fil-2 ta' Gunju 1998.*

*12. Illi ghandi nghid illi ddispjacini hafna dwar il-fatt illi l-konvenuta qatt ma gharrfitni dwar din il-problema li kellha, u cioe` li ma setax ikollha tfal. Illi li kieku kont naf dwar dan qabel ma nghaqadna fiz-zwieg, sigurament kont nahsibha darbtejn, peress illi jien dejjem kelli x-xewqa li jkolli familja tieghi. Fil-fatt ghadni b'din ix-xewqa sal-lum il-gurnata.*

*13. Illi ghalkemm kont insemmi illi xtaqt it-tfal, il-konvenuta qatt ma wrietni b'din il-problema. Fil-fatt kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni serja bejnietna u qatt ma taghtni dettaiji dwar x'kienet il-problema. Naf li kienet marret ghand tobba minhabba din il-problema; pero' qatt ma morna flimkien, peress illi r-relazzjoni bejnietna kienet hazina. Ma nafx jekk hi kinetx a konoxxenza ta' din il-problema minn qabel iz-zwieg. Pero' li nista' nghid huwa li ma hassitx il-htiega li ssemmili xejn, u dan id-diskors intqal biss fis-sahna tal-mument meta kien ikollna xi argument. Ghalhekk jien inhoss illi qarrqet bija. Fil-fatt hi nghaqdet fiz-zwieg bil-hsieb illi tgawdi l-hajja u mhux bil-hsieb illi nkabbru l-familja."*

Illi fl-affidavit taghha **Josephine Galea** qalet is-segwenti:

*"Illi jiena zzewwigt lil attur fit-18 ta' Lulju 1993. Ahna gia ghamilna is-separazzjoni personali u dan permezz ta' kuntratt bonarju, madwar xi erba' snin ilu. Illi nibda biex nghid li jiena kont domt gharusa mal-attur ghal disa' snin shah qabel ma' zzewwigna. Kont iltqajt mieghu meta jiena kelli hmistax-il sena u huwa kellu sittax-il sena. Illi konna Itqajna il-bandli tal-Mosta.*

*Ahna konna gharajjes ghaz-zmien li semmejt hawn aktar 'l fuq u nghid illi waqt l-gherusija ftit li xejn kellna problemi. Nghid ukoll illi bhal kull koppja ohra waqt l--gherusija taghna kien ikun hemm mumenti meta jiena u r-ragel tieghi konna inkunu intimi ma' xulxin. B'dan illi dak iz-zmien ahna, u cioe` waqt l-gherusija, qatt ma' ghaddielna minn mohhna xi hsieb dwar tfal jew in-nuqqas taghhom mill-hajja taghna.*

*Irrid nghid li meta konna rajna li kollox kien sewwa ahna konna pjanajna li nizzewgu. Qabel ma' zzewwigna jiena kont mort ghand tabib personali tieghi sabiex nara li*

*kollox kien sewwa. It-tabib tieghi kien indikali illi ma' kienx hemm problemi serji b'dan illi semmieli wara check-ups li kien ghamilli li jiena kelli l-utru tieghu kemm xejn aktar il-fuq minn dak li suppost ikun. Illi jiena ma' kompjetx naghmel verifiki dwar dan u komplejna bil-preparamenti ghaz-zwieg. Nghid u nispjega li jiena b'din l-osservazzjoni tat-tabib tieghi ma' kont ghidt lil hadd u anqas lill-attur, peress illi ma' hsibtx li kienet xi haga hekk kbira. Nghid ukoll li dak iz-zmien jiena u l-attur tant konna ninhabbu li ma' ridtx illi jinqala xi haga li b'xi mod setghet ixxekkel il-preparamenti ghaz-zwieg taghna.*

*Illi fil-fatt konna zzewwigna u nghid li konna kuntenti hafna. Nghid ukoll li r-rapport ta' bejn il-familja tieghi u tieghu kien wiehed tajjeb hafna. Qabel iz-zwieg konna xtrajna dar f'Sta. Margerita, l-Mosta u konna wara li zzewwigna morna nghixu fiha. Illi tul iz-zwieg taghna ahna ghamilna sentejn mizzewgin minghajr ebda nkwiet. Nghid ukoll li maz-zmien li ahna konna qeghdin sewwa kien kellna ukoll rapport intimu tajjeb hafna u kien ikollna x'naqsmu ma' xulxin minghajr ebda inkiwet u dan peress illi l-kundizzjoni tieghi assolutament me' taffetwa xejn il-fatt li jiena ikolli rapport ma' persuna ohra.*

*Irrid nghid li maz-zmien l-attur beda jnaqqas l-attenzjoni tieghu lejja u l-hin kollu jara kif jaghmel biex aktar ikompli mal-hbieb tieghu milli jqatta' hin mieghi. Haga li kienet iddejjaqni ferm, kienet il-fatt li ahna dejjem konna nohorgu flimkien mal-hbieb u ftit li xejn konna inqattghu hin wehidna. Nghid ukoll li min-natura tieghu l-attur huwa persuna li jiena niddeskriviha bhala ta' "ftit kliem", u jiena, u dan jista' jikkonfermah anke min jafni, persuna ta' karattru differenti hafna peress li da parti tieghi inhobb nitkellem ma' dak li jkun u anke facilment niftah qalbi ma' dak li jkun.*

*Jiena kont suspettuza hafna fir-ragel tieghi u dan peress li jiena kelli wahda mill-hbieb tieghi, li kien jisimha Tania Sammut, u kont ninnota li zewgi kien aktar mohhu fiha milli fija. Nghid li wara z-zwieg kienet giet nieqsa ommi u l-problemi kibru bis-shih. Nghid li kienet raguni ghaliex skond jiena wara li giet nieqsa ommi, l-inkwiet spolda u*

*dan peress illi fl-ewwel lok ommi kienet meta ikolli xi problemi tkellimni u anke tghidli biex nissaporti lill-attur u ma' jkollniex inkwiet. Ukoll peress li tlift lill-ommi ta' eta` zghira, jiena nghid li zewgi ftit Ii xejn kien jifhimni w anke spiccajt biex minhabba fit-telfa ta' ommi u l-mod kif kien igib ruhu zewgi, nibtet fiha certu dieqa u anke bdejt nibret mir-ragel tieghi.*

*Irrid nghid li ukoll ahna konna nifrekwentaw kazin tal-banda gewwa l-Mosta, il-kazin kien ta' Nikol Isuard. Hemm hekk kien ikun hemm certu Ian Galea Ii nzerta jigi sekondo kugin tal-attur. Dan Ian kien jismani u jtini attenzjoni aktar minn li kien zewgi. Wara l-burraxka li kont ghaddejt minnha minhabba l-mewt ta' ommi u anke l-glied li kien qed ikolli ma' zewgi, nghid li jiena kont sibt konfort f'dan Ian u maz-zmien anke sirna ninhabbu.*

*Nghid li zewgi kien induna li jiena kont qed nara lil dan Ian u jiena ghidltu l-verita`. Wara dan kien qalli Ii allura kien ikun hafna ahjar jekk nippruvaw ikollna tarbija biex iz-zwieg taghna jerga jinghaqad. Fil-frattemp jiena rrid nghid li kont mort ghand tabiba man-nisa ohra certu Dr. Astrid u dan peress li kont innutajt li minkejja Ii jiena u zewgi kien ikollna x'naqsmu, fiz-zminijiet appositi, xorta wahda jiena qatt ma' kont inqbadt pregnant. Dan l-appuntament kont ghamiltu qabel ma' dahal fil-kwistjoni dan Ian. Sussegwentement kont rajt ukoll lit-tabiba tieghi Marie Louise Gatt u din regghet wara diversi konsulti gharfitni illi da parti tieghi kien difficli li ninqabad pregnant peress li kelli dik il-kundizzjoni li gia semmejt Ii minhabba fil-fatt Ii l-utru tieghi huwa aktar lura minn ta' nisa ohra.*

*Illi meta allura zewgi beda jissikkani biex ikollna t-tfal, jiena kelli ta' bilfors nghidlu bil-kundizzjoni tieghi. Meta gara hekk huwa rrabja ferm u anke beda jkisser fid-dar, haga li qatt ma' kien ghamilha qabel. Minn dak iz-zmien l-hemm r-relazzjoni taghna spiccat totalment u nghid li kulhadd qabad it-triq tieghu. Jiena mort lura nghix ma' missieri u l-attur rega' mar jghix ma' ommu. L-affarijiet qsamnihom skond il-kuntratt u minn dak iz-zmien il-quddiem kulhadd baqa' jghix separatament. Nghid ghalhekk li huwa minnu Ii kellna l-glied bejnietna, izda*

*minn l-esperjenza tal-hajja jidhirli li glied ikollu kulhadd, b'dan illi l-fattur li kisser kompletament iz-zwieg taghna kien il-problema u kundizzjoni medika tieghi li kif ghidt ghamlitha difficli li jien ikolli tfal. Din il-kundizzjoni jiena dejjem ippruvajt nahbiha kemm jista' jkun biex ma' naqlax inkwiet, u nghid li swieni hafna ghar ghax zewgi hadha illi jiena hbejt din il-kundizzjoni minnu."*

Illi fl-affidavit taghha **Dr. Louise Gatt MD BSc** qalet is-segwenti:

*"Irrid nghid li jiena qeghda nigi lliberata mis-sigriet professjonali tieghi minn Josephine Galea ID 9070 (M).*

*Nispjega li xi snin ilu kienet giet tarani fil-klinika tieghi tal-Mosta Josephine Galea u kelmitni dwar problema ginekologika ezatament dwar irregolarita menstruwali.*

*Wara ezami kliniku, konsultazzjoni ma' specjalista "Chemical Pathologist and Specialist in Metabolic Medicine", u testijiet tad-demm relevanti rrizulta li l-klijenta ghandha kundizzjoni maghrufa bhala "hyperprolactemia". Din il-kundizzjoni, li hi potenzjalment reversibli u li ghandha hafna kawziet izda principalment huwa l-istress psikologiku, tikkawza nuqqas sostanzjali fil-fertilita` fin-nisa.*

*Naf ukoll bhala stat ta' fatt li Galea ma' kellha ebda tfal miz-zwieg taghha u anqas wara li hija sseparat minn ma' zewgha."*

## <u>(B) Ligi u Gurisprudenza Applikati ghall-kaz de quo</u>

Illi l-kawza odjerna giet ibbazata fuq talba ghan-nullita' taz-zwieg abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi wahda mir-ragunijiet li l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu huwa fejn qed jallega li l-kunsens tieghu kien vizzjat minhabba qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li

tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga skond l-**artikolu 19 (1) (c).**

Illi l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (****Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of*** **Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed) 1993, Wilson and Lafleur, Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982) Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi ma hemmx dubju li l-prokreazzjoni tal-ulied hija wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg, sew dak civili u kemm religjuz, pero' dan ma huwiex l-unika element essenzjali taz-zwieg, u fil-fatt l-elementi essenzjali taz-zwieg huma *"unity and fidelity (bonum fidei) and indissolubility"* (***George V Lobo*** **– "The New Marriage Law" –** pg.77).

Illi hawn jidhol aggravju iehor li l-attur ibbaza fuqu f'din il-kawza ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg u dan huwa dak indikat fl-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** li jipprovdi:-

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine"*** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed**

**Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe` 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe`, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe` saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar millobbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cioe` simulazzjoni parzjali, il--Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe` l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilita` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*, **fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cioe`:-

*“Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero’ fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe` issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe` saret simulazzjoni parzjali”.*

Illi mill-provi prodotti jidher li l-konvenuta kienet taf minn qabel iz-zwieg hija kellha kundizzjoni medika li kienet taghmilha difficli ghaliha li jkollha t-tfal, u fil-fatt dan kienet ivverifikatu minn testijiet medici li kienu saru fuq talba taghha, ghalkemm bil-biza’ li kellha hija ma baqghetx issewgi l-kaz; peress li hija jidher li bezghat ukoll li tghid b’din lill-attur, anke sabiex ma jkunx skond problemi ghaz-zwieg, hija ghazlet li b’din il-kundizzjoni taghha ma tghid xejn lill-attur, li jidher li wahda mir-ragunijiet li dahal ghaz-zwieg mal-konvenuta kien proprju sabiex jistabbilixxi wkoll familja, u dwar dan jidher li l-konvenuta kienet taqbel.

Illi fil-fatt sar iz-zwieg, u jidher li ghal xi zmien dan kien ghal kollox normali, u nono*stante* dak li jghid l-attur fuq il-konvenuta, u hija dwaru, in konnessjoni ma’ hbiberiji ma’ terzi persuni tas-sess oppost, mill-provi prodotti jirrizulat li ma kien hemm xejn konkret dwar l-istess, li setgha b’xi mod affettwa l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg.

Illi izda jidher car li meta l-partijiet ippruvaw ikollhom relazzjoni intima u jaghmlu l-att taz-zwieg dan ma hallhiex ir-rizultat mehtieg tant li l-attrici regghet irrikorriet ghall-ezamijiet medici li minnhom irrizulta li l-istess konvenuta kellha kundizzjoni medika maghrufa bhala *"hyperprolactemia"* liema kundizzjoni, li hi potenzjalment reversibli u li ghandha hafna kawziet izda principalment huma l-istress psikologiku, tikkawza nuqqas sostanzjali filfertilita fin-nisa, u b’hekk ikkonfermat id-dubji taghha li hija kellha qabel iz-zwieg dwar il-fertilita` taghha, u li din hbietha ghal kollox mill-attur.

Illi jidher li dan l-attrici ghamlitu tant kemm kienet migbuda lejn l-attur, u ma sarx b'xi hazen jew malizzja minn naha taghha, pero` certament li dan il-fattur fuq il-kundizzjoni taghha qabel iz-zwieg, kien fattur determinati dwara li l-attur kellu dritt li jkun jaf qabel ma jizzewweg, u wkoll ma hemmx dubju li tali kundizzjoni hija oggettivament determinanti, tant li setghet kieku maghrufa tfixkel serjament il-hajja konjugali bejn l-istess partijiet, kif fil-fatt gara.

Illi independentement mill-istat ta' animu tal-konvenuta, u jidher car li l-intenzjonijiet tal-konvenuta f'dan ir-rigward kienu tajba, fis-sens li tant ma riedet xejn li jfixxkel ir-relazzjoni taghha mal-attur, xorta jibqa' l-fatt li l-konvenuta intenzjonalment hbiet tali kundizzjoni taghha lill-attur, u b'hekk certament ingannat lill-attur billi ma wrietux cirkostanzi dwarha li setghu jaffetwaw id-decizjoni tieghu ahharija dwar il-pass ta' zwieg li kien ser jiehu maghha; fattur mohbi mill-konvenuta li kien bazilari mhux biss ghax-xelta li kien ser jaghmel l-istess attur, izda wkoll li kien determinanti wkoll ghall-kontinwazzjoni tar-relazzjoni ta' bejniethom.

Illi fil-fatt kif sar jaf b'dan l-attur, l-istess relazzjoni qatghet mill-ewwel tant li l-partijiet isseparaw bonarjament, u dan in-nuqqas tal-konvenuta, wassal sabiex fi kliemha stess, batiet hija stess il-kundizzjoni taghha, minhabba l-fatt li l-attur ma kienx ried jaf izjed b'din ir-relazzjoni, ghaliex hassu, kif huwa stess qal fic-citazzjoni attrici li gie ingannat dwar il-kundizzjonijiet tal-konvenuta qabel iz-zwieg. Fil-fatt dan il-konvenuta tammettieh, u jidher car kemm hija ma rieditx titkellem fuq dan is-suggett, *stante* li anke wara li gara dan kollu l-konvenuta qalet lill-attur il-minimu possibbli dwar il-kundizzjoni taghha, u qatt ma riedet turi kollox, lanqas ma' l-attur dwar l-istess kundizzjoni.

Illi fil-fatt hija tghid fl-affidavit taghha stess:-

*"din il-kundizzjoni jiena dejjem ppruvajt nahbiha kemm jista' jkun biex ma naqlax inkwiet, u nghid li swieni hafna*

*ghar ghax zewgi hadha bi kbira li jiena hbejt din il-kundizzjoni minnu".*

Illi ghalhekk jidher li t-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255,** u ma jidhirx li hemm bzonn li jkun hemm approffondiment dwar bazi ohra allegati ta' nullita` ta' zwieg, ghaliex dan ikun biss ezercizzju akkademiku.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma dak fuq deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-18 ta' Lulju 1993 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------